TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2348
Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3054/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol
Bejn
Fiona Spiteri
U
Oxford House Limited

Illum 22 ta' Jannar 2015

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegat diskriminazzjoni. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Preliminari:

L-esponenti kienet taħdem ma' Oxford House Limited fix-*showroom* tal-Imrieħel f'Notabile Road sa mit-18 ta' Mejju 2009, bħala *sales representative* fil-'Kitchens Department' fuq bażi full time, b'terminu indeterminat. Fl-14 ta' Lulju 2012, mingħajr ebda raġuni valida u plawsibbli, il-*managing director*, Marco Galea, sejjaħ lil esponenti fl-uffiċċju tiegħu u infurmaha li kien qiegħed ikeċċieha għax fi kliemu "il-karattru tiegħek mhux kompatibbli ma' tiegħi". Ir-rikorrenti kkontendiet illi tali raġuni żgur ma hix bażi legali jew fattwali u li tali terminazzjoni nġusta ma hija sopportata minn ebda inċident jew prova fattibbli, tant illi l-esponenti qatt ma kienet qalgħet ebda tip ta' *'warning'* fi tliet (3) snin u xahrejn li kienet ilha taħdem għas-soċjeta'. L-isfond veritier ta' dan il-każ ta' tkeċċija inġusta huwa illi Fiona Spiteri kienet inqabdet tqila lejn l-aħħar jiem ta' Mejju 2012 waqt li kienet għadha fl-impjieg ma' Oxford House Ltd u tali fatt deher li ser ikun ta' 'inkonvenjent' għal Marco Galea/ is-soċjeta' konvenuta, kif ikkonfermat bl-aġir ta' Marco Galea meta ġie nfurmat bit-tqala ta' Fiona Spiteri. Marco Galea ma tterminax l-impjieg ta' Fiona Spiteri malli ġie a konnoxjenxa tat-tqala, iżda ftit jiem wara illi Fiona Spiteri sfortunatament korriet u tilfet it-tarbija u rritornat għax-xogħol.

Ir-rikorrenti għaldaqstant sostniet illi l-fatti juri biċ-ċar li saret diskriminazzjoni, manifestament kontra l-esponenti minħabba l-fatt li kienet tqila u cioe, il-fatt li hija xtaqet tifforma familja, kif wara kollox għandu id-dritt li jagħmel kull individwu u kull ħaddiem, mingħajr ma jiġi trattat b'mod differenti jew saħansitra jitlef il-post tax-xogħol tiegħu minħabba l-maternita'.

Oxford House Limited ippreżentat risposta u dikjarazzjoni tal-każ fejn qalet illi huwa minnu li r-rikorrenti Fiona Spiteri ġiet ingaġġata sabiex taħdem bħala *Sales Representative* fid-Dipartiment tal-Kċejjen tas-soċjeta' esponenti intimata iżda l-ewwel ma ġiet impjegata kien fuq kuntratt definit ta' sena. F'din is-sena is-soċjeta'

intimata ma kinitx kuntenta bil-*performance* u l-atteġġjament tagħha tant li l-intenzjoni tas-soċjeta' intimata kienet li twaqqafha hekk kif jasal għeluq is-sena. Fost l-atteġjamenti negattivi u problematiċi li uriet kien dak fir-rigward tat-teħid tal-*leave*. Infatti l-*leave* kienet tkun trid tieħdu meta trid hi u mhux skont l-esiġenzi tal-kumpannija. Il-kumpannija minħabba esiġenzi tas-suq għandha *policies* stretti ħafna dwar il-*leave* u normalment fil-bidu tas-sena tfassal *leave plan* sabiex dan jiġi segwit. Iżda Fiona Spiteri ma kinitx tħossha marbuta ma' dan il-*leave plan* u dejjem tara kif taqla' argument meta jkun jidrilha li trid tieħu l-*leave*. F'għeluq is-sena, id-Direttur Maniġerjali tas-soċjeta' esponenti għajtilha fl-uffiċju u qalilha li meta wieħed jara dak kollu li ġara tul is-sena hija ma kinitx tiffitja fis-sistema ta' kif kienet tiġi ġestita l-kumpannija. L-impjegata talbet lid-Direttur Maniġerjali Marco Galea sabiex jirrikunsidra din id-deċiżjoni u wegħditu li kienet sejra tikkonċentra aktar fuq ix-xogħol. Qaltlu ukoll li kienet f'relazzjoni stabbli u li riedet tiżżewweġ u tibni familja. Hija irnexxielha tikkonvinċi lil Marco Galea u eventwalment ġiet impjegata taħt terminu indefinit. Fil-bidu Fiona Spiteri żammet mal-wegħda tagħha u bdiet taħdem tajjeb tant li l-kumpannija esponenti kienet bagħtitha l-Ġermanja għal taħriġ konness mal-*marketing* u bejgħ ta' kċejjen. Wara xi sena li kienet marret għall-kors ta' taħriġ, l-attitudni ta' Fiona Spiteri reġgħet inbidlet għall-agħar. Jidher ukoll li fil-frattemp nibtu xi problemi personali li kien evidenti ħafna li bdiet iġġorrhom magħha fuq il-post tax-xogħol. Kienet il-ħin kollu mgħedija titkellem dwar il-ħajja personali tagħha ma' sħabha l-ħaddiema u barra li titlef minn xogħolha kienet ittellef lil oħrajn minn xogħolhom. Dan ma kienx xi każ iżolat, kienet prattika u użanza kostanti. Wara li korriet, l-atteġjament ta' Fiona ggrava ħafna għall-agħar. Kien ikollha burdati ħżiena u kienet tkun diffiċli u inkontrollabbli. Kemm Joanne l-PA ta' Marco Galea u kemm Marika Galea li kienet taħdem fl-istess dipartiment kienu jissuggerulha li tieħu s-*sick leave*. Hi kienet twieġeb li toqgħod id-dar hu agħar għaliha. It-tqala ta' Fiona Spiteri ma ħolqot l-ebda problema għall-kumpannija li kienet ġiet rinfaċċata qabel b'sitwazzjonijiet ta' tqala fejn l-impjegati ħadu il-*maternity leave* tagħhom u rritornaw għax-xogħol. Kien wara r-ritorn tagħha li x-xogħol tagħha ġie tterminat u dan għar-raġunijiet fuq indikati. Il-kumpannija sostniet illi għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-akkuża ta' diskriminazzjoni barra li hija kapzjuża u bħala tali insostenibbli għall-aħħar hija waħda totalment u assolutament fiergħa u mingħajr bażi fattwali u wisq aktar legali.

<u>Xhieda fil-Qosor:</u>

Ir-rikorrenti xehdet li kienet bdiet taħdem mal-Oxford House f'Mejju tat-2009 sa Lulju tat-2012 u l-Manager tagħhha kienu Marco Galea u d-Direttur John Galea. Xogħolha kien ta' *salesperson* fil-*Kitchen Department*. Fl-ewwel sena Marco Galea waqqfha mix-xogħol għax għadha żgħira għal dan ix-xogħol pero wara rega' għajtilha u qalilha li ser iżommha. Kompliet taħdem normali fl-istess xogħol u kienet siefret il-Ġermanja fuq kors fuq il-kċejjen mal-kumpannija. Hija qalet li bħala performance tagħna kien hemm ħafna li kienu jgħidu li hi l-aħjar waħda fuq xogħolha u li hi l-aktar waħda li tbiegħ u li xogħolha dejjem għamlitu sew. Hi xehdet li qatt ma kienet tidħol tard u dejjem titlaq fil-ħin tagħha. Ir-rikorrenti ċaħdet l-allegazzjonijiet kollha li għamlet il-kumpannija fil-konfront tal-allegat atteġġjament ħażin tagħha. Dwar it-tqala tagħha hija xehdet li meta ħarġet tqila, għall-ewwel ma kinitx qalet. Pero' saret taf li qed jordnaw l-uniformijiet kienet qalet lis-segretarja ta' Marco Galea, Joanne Zammit li hija tqila u qaltilha biex l-uniformi tħallihielha ftit jew tiġi bil-ħwejjeġ normali. Ir-rikorrenti qalet li timmaġina li Joanne marret qalet lil Marco li kienet tqila.

Sfortunatament hi kellha *miscarriage* u reġgħet daħlet lura għax-xogħol wara *six days sick leave*. Meta daħlet lura, Marco Galea għajjtilha fl-uffiċju tiegħu u qalilha jiddispjaċini din mhux ġimgħa għalik – kellek ġimgħa kerha li kellek il-*miscarriage* u ġimgħa kerha li ħa jwaqqfha mix-xogħol. Hi staqsietu x'inhi r-raġuni u qalilha li l-karattru tagħha mhux kompatibbli ma' tiegħu. Hi ħasset li din kienet skuża għax hi dejjem għamlet xogħolha. Hi qalet li taħseb li kieku ried ikeċċiha jew kieku għamlet xi żball qabel kien jagħtiha *warnings* kif jagħmlu lil kulħadd.

Joanne Zammit xehdet li hi u r-rikorrenti kienu kollegi u ħbieb. Kienu jitkellmu u jgħidu imma ġieli iġġiedlu u kellhom xi jgħidu. L-aħħar battibekk li kellhom kien meta daħlet tkellem lil Marco. Wara li kienet rranġat l-affarijiet ma' xi ħadd ieħor fil-kumpannija u x-xhud kienet ser issiefer, qabdet u daħlet għand Marco Galea mentri normalment tħalli l-files magħha u ma teħodhomx lilu. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti applikat għal tliet ġimgħat *leave* waqt żmien li kienu *stop leave*. Wara ħafna battibekki dan il-leave ġie approvat. Minħabba li kienet ser issiefer ix-xhud riedet tagħtih *hand over* għaliex hija l-assistenta tiegħu u kellha ħafna affarijiet *pending*. Kif ir-rikorrenti ħarġet eżatt minn ħdejh qaltilha "*dejjem tiegħi tgħaddi*". Hi weġbitha lura u lletikaw. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet qaltilha "*ma nitfakx it-taraġ għax għax*". Ix-xhud qalet li qabel is-seduta hi u Marco Galea daru l-verżjoni. Hi kkonfermat illi kienet taf li r-rikorrenti kienet tqila. Ix-xhud ma ftakritx jekk tkellmux dak il-ħin jew xi jumejn wara pero' tkellmu wkoll x'ser jiġri u ma jiġrix. Hi qalet lir-rikorrenti illi taħseb li anki *part-time* iżommha f'każ li ma tkunx trid taħdem *full-time*. Meta marret tkellem lil Marco Galea dwar l-uniformi qaltlu li Fiona kienet tqila. Hi ma ftakritx x'qal eżatt Marco Galea pero' tiftakar li ma kien xejn fin-negattiv. Qal l-istess affarijiet li kienet qalet hija, li eventwalment fil-każ naraw kif tista' taħdem *part-time*, anke filgħaxijiet. Ix-xhud qalet li lil Fiona qaltilha biex ma "*toqgħodx tikkonfondi, nies pregnant kien hemm*". A case in point kienet ix-xhud stess li kienet tqila fiż-żmien tas-seduta u qalet li hija ser tibqa' taħdem u anke xtrawlha laptop biex taħdem mid-dar. Ix-xhud qalet li Marco Galea dejjem jitratta lil kulħadd l-istess. Hi qalet li Marco Galea huwa persuna li għandu ħafna x'jagħmel, anzjuż ħafna, pero' minn hemm u minn hawn f'konversazzjoni miegħu hi dejjem kienet tasal u kienet fil-fatt ilha erbatax-il sena taħdem miegħu. Hi qatt ma rat ħaddiema joħorġu jibku mingħandu u taħseb lanqas lil Fiona qatt ma ratha ħierġa tibki minn hemm. Meta jiġu mpjegati n-nies, id-dokumentazzjoni bħall-contract of employments hi kienet tipproċessahom imbagħad jiffirmahom Marco Galea. Il-karti tal-ETC ta' Fiona Spiteri saru imma kopja tal-kuntratt lilha ma ingħatax imma ngħatat kopja lid-Dipartiment. Sa fejn taf ix-xhud, l-importanti l-kuntratt tal-ETC, li persuna tidher impjegat mal-kumpanija għax dak huwa l-*contract of employment*. Fl-erbatax-il sena li x-xhud ilha fil-kumpannija nies *pregnant* kien hemm, u meta spiċċaw il-*pregnancy leave* reġgħu daħlu lura. Kien hemm tnejn żgħur, u issa kien hemm ix-xhud stess. Hi qalet li malli kienet fir-raba' xahar tat-tqalha organizzawlha laptop biex tkun tista'taħdem mid-dar. Ix-xhud qalet li l-maġġoranza tan-nies li hemm jaħdmu magħhom, tista' tgħid tliet kwarti, huma kollha antiki u jaqbżu s-sitt snin. Hemm nies ġodda għax ovvjament kibru u għandhom bżonn iktar għajnuna. Ix-xhud ikkonfermat l-allegazzjonijiet li għamlet il-kumpannija fir-risposta tagħha fejn jidħol l-ateġġjament tar-rikorrenti. Hi qalet li kien jidhrilha li ħarġu *verbal warnings* pero' *written warnings* ma kienx hemm. Ir-raġuni li l-kumpannija ma toħroġx *warnings* hi għax tibqa' tagħti ċ-*chances*.

Marica Galea, il-Manager ta' Fiona Spiteri xehdet li Fiona kienet bniedma problematika. Skont il-burdata li tqum filgħodu. Qalet li jekk tikkorreġiha ma

toqgħodx għal li tikkorreġieha għax tippretendi li ma tikkorreġihiex. Ix-xhud qalet li hi u Marco Galea, r-raġel tagħha tkellmu qabel is-seduta. Ftehmu li ser jgħidu l-verita' li jħossu huma. Meta Fiona waqfet mix-xogħol hi spiċċat weħidha u kellha ddaħħal in-nies. Hi qalet li ġieli rat battibekki bejn Fiona u ħaddieħor. Ix-xhud qalet li kienu ngħataw diversi *warnings* verbali lil Fiona. Anki hi ġieli qaltilha biex toqgħod naqra lura xi tgħid u kif tirrispondi.

Kyvin Sant xehed li hu kien jaħdem ma' Oxford House mit-2006 sa Marzu 2013. Lil Fiona Spiteri kien jafha, ex-kollegi u sar jafha fuq il-post tax-xogħol. Hu xehed li hija persuna normali, ferrieħa u għandha karattru tajjeb għas-*sales* speċjalment. *Outgoing, bubbly* u kumplimentuża. Ix-xhud qal li Marco Galea hu dittatur, sempliċiment persuna aggressiva, persuna li kif tkellimha għat-tieni darba turtha ruħha, *moody* ħafna u lilu kien qallu li ħa jkissirli siġġu fuq rasu. Qallu ukoll fuq it-telephone li jekk il-kollega ta' maġenbu, Nicholetta Muscat, se terġa' tmur tħabbatlu l-bieb dakinhar stess, ħa jifqalha wiċċha. Kollega oħra, lil Maria St. John, qal li ħa jwaddbilha l-mobile u jkissrilha wiċċha bil-mobile. Dwar il-*leave* ix-xhud qal li Marco Galea kien jippjanawh fil-bidu tas-sena u varjazzjonijet ma jistax ikun hemm. Ix-xhud qal li hu qatt ma ingħata kuntratt bil-kundizzjonijiet tal-impjieg; *engagement form* tal-ETC biss. Ix-xhud qal li kien hemm min qal illi biex joħroġ *pregnant* irid ikun jaf Marco Galea biex ikunu jistgħu jippjanaw ix-xogħlijiet tagħhom. Meta xi ħadd kien jinqabad *pregnant*, kienet tinħoloq problema biex jirriplejsjaw in-nies peress li huma kienu jaħdmu tnejn flimkien.

Marco Galea xehed li huwa l-Managing Director ta' Oxford House. Xogħolu hu li jħares lejn l-andament tan-negozju prinċipalment. Għandu nies appuntati speċifikament f'kull dipartiment tal-kumpannija biex joħdulu ħsieb kemm l-istaff kif ukoll l-andament tad-dipartimenti. Jirrappurtaw għandu u jiltaqgħu anke darbtejn fix-xahar biex jiddiskutu. Il-kumpannija timpjega 47 persuna u l-medja li l-impjegati jagħmlu magħhom hi ta' ħmistax il-sena. Fiona Spiteri ġiet impjegata l-ewwel darba fit-18 ta' Mejju 2009 bħala *Sales Representative* ġewwa l-*Kitchens Department*. L-interview kien għamilulha hu. Kien kuntratt definit ta' sena u t-termini tal-impjieg kienu in-*normal showroom hours*, imbagħad daħħlu s-sistema ta' *shifts*. Hu qal li fl-opinjoni tiegħu Fiona fl-ewwel sena kienet turi ċertu mmaturita' filfatt f'għeluq is-sena kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jwaqqfuha mill-impjieg tagħha wara l-kuntratt. Meta kien indirizza l-problema kien infurmaha bid-deċiżjoni. Wara li kellimha avviċinah Joanne u Marica u qalulu li Fiona qed tibki għax daħlet f'*commitment* ta' post, qed tassigurah li tixtieq tisserja u tieħu x-xogħol iktar bis-serjeta'. Hu għajjat lil Fiona u qalilha li jekk hi tixtieq tisserja f'xogħolha, m'għandu l-ebda diffikulta' li jżommha u jġeddilha l-kuntratt. Fil-fatt impjegajaha b'mod indefinittiv u mhux b'mod definit. Flimkien ma' Marica kienu ddeċidew li tmur tagħmel *training* il-Ġermanja għand is-*supplier* tagħhom. Fiona kienet ħadet pjaċir ħafna u kienu marru tajjeb ħafna hi u Marica l-Ġermanja. Marco Galea qal li Fiona ma kinitx tifhem il-kunċett illi jekk tixtieq il-*leave* għandha tirrikorri lejn sħabha u tikkoordina mal-Manager tad-Dipartiment biex ma tikkrejax problema fuq ix-xogħol. Dik kienet is-sitwazzjoni prinċipali u l-problema li baqgħet tikber. Il-*Leave Plan* kienu ilhom jagħmluha snin twal qabel ma daħlet Fiona fil-kumpannija u hemm ukoll *stop leave* period minn nofs Ġunju sa nofs Awissu minħabba l-esiġenzi tax-xogħol. Marco Galea xehed dwar xi problemi ta' attitudni ma' klijenti u dwar il-ħin li kellha Fiona Spiteri. Hu qal li ma keċċiex lil Fiona għax ħarġet *pregnant* u fil-fatt meta ġiet imwaqqfa mill-impjieg tagħha ma kinitx *pregnant*. Huwa waqqafha għax li Fiona kienet marret tgħajjat li ma

rċevietx il-paga għax kienet bis-*sick leave* skondtha. Kienu għaddejjin minn perjodu diffiċli ħafna fil-konfront tagħha. Il-*performance* tagħha dak iż-żmien ma kienx aċċettabbli imma hu pprova jifhem is-sitwazzjoni li kienet għaddejja minnha hi. Ir-raġuni għalfejn Fiona ġiet imwaqqfa mill-impjieg kien minħabba dixxiplina. Ix-xhud qal li b'mod dixxiplinarju, hu seta' lanqas inħallasha notice; seta' jwaqqafha mill-impjieg, pero' għajjtilha u ftehmu u żgur li ma semmielha l-ebda sitwazzjoni fejn qalilha li "*l-karattru tiegħi mhux kompatibbli ma' tiegħek*". Ix-xhud qal li jekk ġie interpretat ħażin jiddispjaċih, pero' hu qalilha li kienet qed toħloq *aggravations* wieħed wara l-ieħor. Marco Galea xehed li kellhom varji impjegati magħhom li kienu *pregnant*. Is-sitwazzjoni li jkollok nisa *pregnant* jekk tħaddem lin-nisa hija xi ħaġa *taken into consideration* u hija ovvja li ħa sseħħ. L-atteġġjament tiegħu huwa normali, fis-sens illi jekk għandek mara pregnant, ħa teħodlok il-*maternity leave* u ser tiġi lura għax-xogħol. Ix-xhud qal li ma setax jaċċetta li jinħoloq diżgwit fuq l-inqas ħaġa. Fiona bdiet toħloq diżgwit anki fil-konfront ta' kollegi u ma stajniex nibqgħu naħdmu b'dak il-mod. Fl-opinjoni tiegħu tawha biżżejjed *chances*.
Fir-rigward tal-allegazzjonijiet li għamel Kyvin Sant ix-xhud qal li dan spiċċa minn magħhom wara seba' snin b'agreement għax kien hemm sitwazzjoni li nqalgħat mic-Chairman tal-kumpannija, mhux miegħu personali. Kyvin Sant kellu reazzjoni fil-konfront tax-xhud imma mhux f'wiċċu. Esprima ruħu li ma jaħmlux u mhux ħa jagħti kasu iżjed. Ix-xhud għajjatlu biex jiġi jgħidlu x'ġara u lil Kyvin qallu "*isma jekk inti għandek dan il-feeling lejja u tħoss li m'intix komdu fl-impjieg tiegħek naħseb li aħjar nilħqu agreement*". Fil-fatt ħadu b'idejn xulxin dakinhar u ftehemu li jagħmel tmien ġimgħat notice u wara n-notice jispiċċa. Kien hemm agreement li l-aħħar ġurnata ta' mpjieg tiegħu jekk jiftakar sew kienet is-16 ta' Marzu. Ix-xhud kien imsiefer u mar fuq il-kollegi tiegħu u qalilhom "*narakom nhar it-Tnejn*". Dawn irreferew għandu u x-xhud bagħtlu e-mail jgħidlu "*isma Kyvin naħseb li għandek żball. Nhar it-Tnejn l-impjieg tiegħek ikun spiċċa s-Sibt, Saturday 16$^{th}$ u jekk jogħġbok narak wara li niġi mis-safar biex ngħaddilek l-FS3, ngħaddilek l-aħħar paga etc*". Marco Galea xehed li s'issa qatt ma kellu każi quddiem it-Tribunal kontra l-kumpannija. Ix-xhud ċaħad l-allegazzjonijiet li saru minn Kyvin Sant. Ix-xhud ippreżenta dokumenti li jikkonsistu f'ittra formali fejn informa lil Fiona Spiteri li minħabba raġunijiet ta' revażżjoni waqt il-ħin tax-xogħol, qed tiġi tterminata fit-tali data kif jgħid id-dokument, u dokumenti konsistenti f'leave plans. lista tal-ETC tal-impjegati kollha datata 17 ta' Frar 2014 fejn tindika l-ammont ta' impjegati jaħdmu magħhom kif ukoll l-*engagement date* li fl-opinjoni tiegħu tindika l-*long term relationship* li għandhom mal-ħaddiema għax hemm ukoll ħaddiema ġodda għax il-kumpannija qed tikber sena wara sena. Ix-xhud ippreżenta ukoll lista sħiħa ġġenerata mill-payroll tagħna awtomatika elettronika tal-*vacation leave* u *sick leave,* kif ukoll tal-*overtime* li tħallas kemm lir-rikorrenti kif ukoll lil Kyvin Sant. Ġew ippreżentati dokumenti oħra li huma s-sistema manwali fejn għal kull sena għandhom *planner* u manwalment hemm persuna tiehu ħsiebhom biex tikteb il-ħaddiema li jkunu *sick* u li jkunu *leave*. Ix-xhud ippreżenta ukoll il-punchcards ta' Fiona min-19th June 2010 sal-aħħar ġurnata.

In kontro eżami r-rikorrenti qalet li ġiet diskriminata meta Marco Galea uża kliem vulgari sabiex jirreferi għall-fatt li hija kienet tqila ma' Joanne. Ġiet diskriminata wkoll fuq il-mod kif kien jimxi magħha meta kienet pregnant imbagħad meta wara li kienet korriet u daħlet ix-xogħol u kienet tibki u minflok ipprova jgħinha, qalilha din mhux il-ġimgħa tiegħek għax int tlift il-baby u tlift ix-xogħol. Meta ġie tterminat ix-xogħol tiegħha ma kinitx għadha pregnant. Kienet għamlet *one week sick leave* wara l-*miscarriage* u mbagħad daħlet għax-xogħol u qalilha b'din id-deċiżjoni. Apparti li

kien qalilha li "*il-karattru tiegħi mhux kompatibbli ma' tiegħek*" qalilha wkoll "*ma nafx x'ser insiblek raġuni oħra*" u "*it's not your week*". Ċaħdet illi qatt ingħatat xi *verbal warnings.*

Sinteżi tat-Trattazzjoni Finali:

Il-konsulent legali tal-kumpannija qal illi l-bażi tal-azzjoni u l-kawżali li fuqhom tinsab ibbażata t-talba mressqa mir-rikorrenti jirrigwardaw allegat att ta' diskriminazzjoni minħabba maternita fil-konfront tagħha. Il-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni tat-talba u ma tistax tiġi mibdula u mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dak espress fiċ-ċitazzjoni. Tenut kont ta' dan l-element fondamentali u essenzjali, għandu jirriżulta ċar u ovvju lit-Tribunal li l-allegata diskriminazzjoni ma setgħet qatt tkun il-kawża tat-tqala għax fil-mument li seħħet it-terminazzjoni, tqala ma kienx hemm. Skont il-kumpannija r-rikorrenti lanqas ma pprovat jew setgħet tipprova li seħħ allegat trattament diskriminatorju fil-konfront tagħha billi hija ġiet trattata anqas favorevolment milli ġiet trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli.

Il-konsulent legali tar-rikorrenti qal illi r-rikorrenti fetħet dawn il-proċeduri fuq bażi ta' tkeċċija nġusta u diskriminazzjoni kontriha u attegjament li seta' jkun diskriminatorju. Hu saħaq illi r-rikorrenti kienet tqila u sfortunatament f'ċertu punt tilfet it-tarbija. F'ċertu punt fil-passat hija kienet tqila u minħabba dak il-fatt li mbagħad ġie a konoxxenza tal-employer tagħha, hi tkeċċiet. Hu qal li fl-ebda punt ma qalu illi tkeċċiet waqt li kienet tqila, *during her pregnancy* imma huma qalu li *she was dismissed because she was pregnant*. Ma kienx żball meta kitbu t-talba illi hija tkeċċiet minħabba l-fatt illi l-employer tagħha sar jaf li kienet tqila u wriet li tixtieq u trid tippjana familja. Ir-rikorrenti ma ġietx imkeċċija għax kienet tqila u tkeċċiet waqt li kienet tqila, imma a bażi tal-fatt illi din f'ħin minnhom inqabdet tqila, uriet ix-xewqa li tifforma familja u fil-mument opportun, ftit jiem wara l-*miscarriage* hi ġiet imkeċċija.

Il-kumpannija in replika qalet li skont huma potenzjalment kull mara fid-dinja tista' tkun tqila, potenzjalment hekk hu, stat ta' fatt, stat ta' natura. Allura kieku employer ma jimpjegax nisa u juri li ma jridx jimpjega nisa u jimpjega rġiel għax potenzjalment in-nisa jistgħu jisfaw tqal u allura jkollu jħallas. F'sitwazzjoni bħal din il-liġi għandha l-protezzjoni tagħha u f'dan il-każ ċertament li mhux hekk u ma ġiex pruvat għax l-Oxford House għandha biżibilju mpjegati li huma nisa.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu dwar dan il-każ.

Dan il-każ jikkonċerna allegat trattament diskriminatorju minħabba tqala. L-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jiddefinixxi trattament diskriminatorju bħala *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali;"*

Artikolu 26 tal-istess Att jgħid illi fir-rigward ta' impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, ħadd ma jista' jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg **jew tkeċċija** [emfażi miżjuda].

It-Tribunal jisħaq illi huwa marbut bit-talba issa saret fir-rikors promotur fejn ġie ddikjarat illi *"Il-fatti juri biċ-ċar li saret diskriminazzjoni, manifestament kontra l-esponenti minħabba l-fatt li kienet tqila u cioe, il-fatt li hija xtaqet tifforma familja, kif wara kollox għandu id-dritt li jagħmel kull individwu u kull ħaddiem, mingħajr ma jiġi trattat b'mod differenti jew saħansitra jitlef il-post tax-xogħol tiegħu minħabba l-maternita'."*

L-avukat difensur tal-kumpannija qal li l-konsulent legali tar-rikorrenti ma jistax in limine litis jistrada l-każ lejn tkeċċija inġusta meta fir-rikors il-bażi tal-kawżali hija diskriminazzjoni. Hawnhekk it-Tribunal jirreferi għal Artikolu 26 tal-Kap. 452 fejn tkeċċija bbażata fuq trattament diskriminatorju hija projbita.

Huwa fatt li ma ġiex kontestat illi r-rikorrenti fil-mument tat-tkeċċija tagħha ma kinitx tqila. Selwyn jirreferi għal dak li jseħħaħlu 'protected period'. Ir-Regolamenti Dwar il-Ħarsien tal-Maternita (Impjieg) jagħti definizzjoni ta' "impjegata li għadha kemm wildet", ta' "impjegata li qed tradda'" u ta' "impjegata tqila". Għalkemm fid-definizzjoni ta' impjegata li għadha kemm wildet hemm inkluż każ ta' twelid ta' tarbija mejta. Fl-ebda waħda minn dawn id-definizzjonijiet ma hemm referenza għal korriment.

Hekk kif jgħid Selwyn *'When her leave period ends her special protection ends, and unfavourable treatment will only be unlawful if a man would have been treated more favourably.'*

Għaldaqstant fil-mument illi r-rikorrenti ġiet imkeċċija hija ma kinitx taqa' taħt il-protezzjoni legali illi tingħata mara tqila jew li kienet għadha kif welldet. Għaldaqstant l-intimat ma kellux obbligu li jsegwi l-proċeduri legali li huwa obbligat li jsegwi meta jkeċċi impjegata li hija tqila.

It-Tribunal pero jinnota illi fit-talba tagħha fir-rikors ir-rikorrenti irreferiet għal maternita mingħajr ma daħlet fid-dettall jekk kinitx attwali jew potenzjali. Hekk kif qal tajjeb il-konsulent legali tal-kumpannija huwa minnu illi potenzjalment kull mara tista' titqies bħala suxxettibli għal tqala potenzjali iżda fil-każ tar-rikorrenti kien ċar illi hija kellha l-intenzjoni li tibda trabbi familja.

Nonostante dan, il-kumpannija uriet illi kien hemm ċirkostanzi fejn kien hemm impjegati oħra li kienu tqal u saru arranġamenti magħhom sabiex dawn sa anke jestendu l-leave tal-maternita fuq perjodu itwal billi jaħdmu xi ġranet waqt l-istess leave. It-Tribunal jinnota illi l-kumpannija ġabet provi suffiċjenti illi m'għandhiex problema bil-ħaddiema nisa li joħorġu tqal u jieħdu leave għall-maternita anzi ippruvat taġevola lil dawn l-impjegati billi per eżempju tathom l-opportunita illi jaħdmu mid-dar. It-Tribunal għaldaqstant ma jarax ness bejn it-tkeċċija tar-rikorrenti u t-tqala li hija kellha jew li seta' jkollha u b'hekk ma jqisx li l-kumpannija aġixxiet b'mod diskriminatorju.

It-Tribunal ukoll jiġbed l-attenzjoni tal-kumpannija illi huwa obbligu legali tagħha illi tipprovdi kuntratt ta' impjieg lil kull impjegat tagħha irrispettivament mill-fatt ta' kemm-il darba jkun hemm bżonn ta' emendi minħabba bidla fil-ħinijiet tax-xogħol.

**Decizjoni**

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu, t-Tribunal jiddeċiedi illi r-rikorrenti ma kinitx diskriminata u għaldaqstant ma jilqax it-talba tagħha.

**Drittijiet**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju